# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 43**

**Citazzjoni numru 887/03 AE**

**Giovanna sive Jane Vassallo**

**v.**

**Carmelo Micallef u b'digriet tal-10 ta' Ottubru, 2006 giet kjamata fil-kawza Rita Ciappara**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fit-30 ta' Lulju 2013 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment;

> "Permezz ta' din il-kawza li giet prezentata fid-29 ta' Awissu 2003, l-attrici qeghda titlob minghand il-konvenut is-somma ta' tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghajn ewro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) self li nghata skond skrittura privata tat-23 ta' Gunju 1998 li saret quddiem in-nutar Dottor Pierre Falzon. L-attrici

ppremettiet li l-konvenut kien hallas is-somma ta' sitt elef disgha mija u tmienja u tmenin ewro (€6,988), hlas li kien gie imputat lill-imghax. Fil-fatt fl-istess skrittura jinghad li l-hlas kellu jsir fi zmien *'hames snin milum bl-interessi ta' tmienja fil-mija fis-sena oltre penali ta' tnejn fil-mija fis-sena kollox a scaletta.'*.

"Il-konvenut isostni li l-iskrittura hi nulla ghaliex bazata fuq kawza illecita gialadarba l-attrici m'ghandha l-ebda licenzja bhala istituzzjoni finanzjarja biex taghti self ta' flus skond l-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji (Kap. 376), u l-ghoti ta' self min-naha taghha hu reat kriminali. Iddikjara wkoll li l-ebda hlas mhu dovut ghaliex hu qatt ma ssellef flus minghand l-attrici. It-tezi tieghu hi li s-self inghata lil Rita Ciappara u ghalhekk talab li tissejjah fil-kawza. Jallega wkoll li l-iskrittura hi nulla ghaliex il-kunsens tieghu ttiehed b'qerq u ingann perpetrat minn Rita Ciappara u bis-sehem tal-attrici. Inoltre l-iskrittura hi nulla ghaliex qatt ma sar self. Fl-ahharnett jallega li l-attrici qeghda titlob imghax fuq l-imghax li m'huwiex permess mil-ligi.

"Fuq talba tal-konvenut, il-qorti ordnat li tissejjah fil-kawza Rita Ciappara li wiegbet:-

1. "Liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju gialadarba m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-attrici.

2. "Gialadarba m'hijiex firmatarja tal-iskrittura, m'hijiex debitrici tal-attrici.

3. "M'ghandux ikun li Micallef iffirma skrittura fejn iddikjara li hu debitrici tal-attrici u jirrifjuta li jassumi r-responsabbilta legali biex ihallas u jitlob li tissejjah fil-kawza persuna li m'hijiex responsabbli ghad-dejn.

"Il-kaz jittratta dwar skrittura privata ffirmata fit-23 ta' Gunju 1998 (fol. 5) fejn jinghad li l-konvenut Micallef iddikjara li hu cert, likwidu u debitur tal-attrici ghas-somma ta' Lm10,000 li nghatat lilu b'self brevi manu, u li kellha tithallas fi zmien 5 snin mid-data tal-kuntratt bl-imghax ta' 8% kull sena. Inoltre bhala garanzija obbliga ruhu li fuq talba tal-attrici jiskrivi ipoteka specjali fuq id-dar 71, Triq Hal Bajjada, Rabat, Malta li hi r-residenza tieghu.

"Wara li l-qorti semghet lill-partijiet jixhdu u rat l-atti, hi tal-fehma:-

i. "Ma tressqitx prova li l-attrici qeghda tikser xi provvediment tal-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji. Ma nghatat l-ebda prova li l-attrici taghmel self ghal skopijiet ta' kummerc. Ghalhekk il-provvedimenti tal-Kap. 376 ma japplikawx.

ii. "Il-konvenut talab li tissejjah fil-kawza Rita Ciappara ghaliex isostni li l-obbligazzjoni ghall-hlas hi taghha u mhux tieghu. Il-qorti ma taqbilx. Bejnu u l-attrici hemm relazzjoni kuntrattwali, cjoe' l-iskrittura tat-23 ta' Gunju 1998. M'huwiex bizzejjed li jghid li fir-realta' l-flus

hadithom Rita Ciappara. Ghall-attrici din it-tezi hi *res inter alios acta*. Hi dahlet f'relazzjoni ma' Micallef u jkollu jwettaq l-obbligu li dahal ghalih. Apparti l-fatt li Ciappara tikkontesta li fir-realta' is-self ittiehed fl-interess taghha u li hadet il-flus, kien Micallef li liberament ghazel li jiffirma l-ftehim. Hadu min hadhom il-flus, meta Micallef ghazel liberament li jiffirma l-iskrittura, dahal f'obbligazzjoni kuntrattwali mal-attrici li jhallas id-dejn. Bhala l-firmatarju tal-iskrittura li obbliga ruhu li jhallas lura s-somma ta' €23,293, l-attrici ghandha kull jedd li titlob il-hlas minghandu.

iii. "M'hemm l-ebda indizju li Micallef iffirma l-iskrittura tat-23 ta' Gunju 1998 minhabba xi qerq min-naha tal-attrici. Micallef kien jaf x'qieghed jaghmel. Xehed li *'Meta ffirmajt, iffirmajt biex naghmlilha pjacir* (lil Ciappara)*'*. Kompla jghid *'Jien mort buona volonta' tieghi ghand in-Nutar Falzon. Kont naf li sejjer niffirma lil Jane ghal dawn 'l Lm10,000.'* (seduta tat-23 ta' Frar 2012). Irrispettivament jekk il-flus kienux intenzjonati ghal Ciappara u jekk fir-realta haditomx hi, fil-konfront tal-attrici hu l-konvenut Micallef li deher u accetta li jaghmel tajjeb ghas-somma ta' €23,293. L-eghmil doluz li seta' twettaq minn persuna ohra (Rita Ciappara), kif allega l-konvenut (ara raba' eccezzjoni), ma jistax iservih ta' beneficcju[1].

iv. "It-tezi li l-ftehim hu milqut minn simulazzjoni assoluta, li jekk minnha twassal biex il-ftehim ikun minghajr effett bejn il-partijiet, hi wkoll minghajr bazi. Din l-eccezzjoni hi ghal kollox inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-vizju tal-kunsens minhabba qerq. F'simulazzjoni l-partijiet ikunu qeghdin jaghmlu xi haga li jridu u li jaghmlu konsapevolment, filwaqt li meta l-kunsens hu vvizjat minhabba qerq il-parti taghti il-kunsens minhabba r-raggiri li tkun ghamlet fuqha l-parti l-ohra. F'kull kaz fil-fehma tal-qorti m'hemmx prova li l-ftehim ta' kostituzzjoni ta' debitu tat-23 ta' Gunju 1998 sar biss sabiex jaghti apparenza li sar ftehim bejn Vassallo u Micallef. F'simulazzjoni assoluta l-partijiet ikunu jridu biss jaghtu l-apparenza li ghamlu kuntratt izda fir-realta ma jkunux iriduh. Il-ftehim bejn Micallef u Vassallo kien jorbot. Mill-provi ma rrizultax li qabel iffirmaw il-ftehim, Vassallo kienet infurmata bil-verzjoni li ta Micallef, cjoe' li s-self kien qieghed jittiehed ghal Ciappara u li Micallef kien sempliciment qieghed jaghmel pjacir lil Ciappara biex ma jiffirmax zewgha. Meta Micallef xehed fis-seduta tat-23 ta' Frar 2012 qatt ma semma li l-attrici kienet infurmata li fir-realta' s-self kien qieghed jittiehed minn Rita Ciappara. Min-naha tal-attrici xehedet: *"L-ewwel darba li smajt li l-flus ma kinux ghal Karmenu Micallef kien proprju meta jien mort ghand Micallef u ghand Rita il-hanut, u qalli hu stess li l-flus ma kienx issellifhom ghalih"* (seduta tat-23 ta' Frar 2012). Ghalhekk jekk il-verzjoni ta' Micallef hi l-verita u Ciappara qeghda tigdeb, Micallef ma jistax ifarfar l-obbligu li volontarjament dahal fil-konfront tal-attrici.

[1] L-Artikolu 981 tal-Kodici Civili jipprovdi:- "*L-eghmil doluz huwa motiv ta' nullità tal-ftehim,* ***meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet*** *ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta.".*

v. “Il-qorti kellha l-opportunita li tisma’ lil Carmelo Micallef u lil Rita Ciappara jixhdu u m’hijiex moralment konvinta li l-verzjoni tieghu hi iktar kredibbli minn taghha, u li Micallef kien qieghed jiffirma bhala *prestanome* u ma kellux x’jaqsam mad-dejn. Sahansitra hu stess accetta li ‘*in garanzija tal-eventwali pagament tal-kapital u tal-interessi relattivi u tal-penali id-debitur jobbliga ruhu illi a rikjesta tal-kreditrici fi zmien xahar ta‘ tali rikjesta bil-miktub huwa jaghti ipoteka specjali fuq id-dar numru wiehed u sebghin (71), Hal Bajjada Street, Rabat, Malta*.‘. Dan hu l-indirizz tar-residenza ta‘ Micallef. Fatt li jkompli jikkonferma kemm l-intenzjoni tal-partijiet kienet li Micallef ikun marbut. Ghalkemm kienet Rita Ciappara li marret titlob lill-attrici ghas-self u kienet tmur ghandha thallas l-imghax, dan m’huwiex bizzejjed biex iwassal lill-qorti biex tghid li l-verzjoni li ta Micallef ghandha titwemmen. Kien hu li liberament ghazel li jiffirma l-iskrittura privata. Micallef xehed li Ciappara kienet *“Qaltli imbaghad naghmel tajjeb jien ghal Lm10,000. Hi ma ridetx tidher, qaltli li peress li zewgha jahdem mal-Pulizija, ma riditux li jidhol fi problemi. Ma qaditx tatini dettalji.”*. Possibbli li Micallef emmen xi haga bhal din ? Il-qorti kellha l-opportunita tisma’ lil Micallef jixhed u ma jidhirlix li hu persuna dghajfa li jasal biex jemmen haga bhal din.

vi. “Mill-atti hu altru milli evidenti li l-attrici mhi tippretendi l-ebda hlas minghand l-attrici, u ddahhlet fil-kawza fuq talba tal-konvenut Micallef.

vii. “L-attrici ma ressqitx prova dwar meta sar il-hlas ta’ €6,988. Is-somma li qeghda tintalab il-hlas taghha taghti imghax ta’ €1,863 fis-sena. L-attrici ghandha kull jedd li l-hlas jigi imputat ghall-imghax qabel il-kapital. Skond il-provi li tressqu, il-hlas li kien qieghed isir kien jirrelata ghall-imghax. F’dan ir-rigward il-konvenut ma ssostantjax l-allegazzjoni li ghamel fl-ahhar paragrafu tan-nota tal-eccezzjonijiet.

“**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo Micallef u tikkundannah ihallas lill-attrici s-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghajn ewro (€23,293) bl-imghax b’sehh mit-23 ta’ Gunju 1998 u minn liema imghax trid titnaqqas is-somma ta’ sitt elef disgha mija u tmienja u tmenin ewro (€6,988). Fir-rigward ta’ Rita Ciappara tilqa’ l-ewwel eccezzjoni u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez tal-attrici u tal-imsejha fil-kawza, li ddahhlet fil-kawza fuq talba tal-konvenut, huma a karigu tal-konvenut Micallef**”.

Minn din is-sentenza appella l-konvenut u l-attrici u l-imsejjha fil-kawza qed jitolbu l-konferma tal-istess sentenza.

## L-AGGRAVJU TAL-KONVENUT

L-aggravju tal-appellant huwa essenzjalment wiehed u cioe` l-istess difiza li ghamel waqt il-kors tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti – dak li huwa ma hax il-flus li qed titlob lura l-appellata u li fuq l-iskrittura in kwistjoni huwa kien semplicement qed jagixxi bhala ***prestanome*** ghall-imsejjha fil-kawza Rita Ciappara.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Profs Anthony J. Mamo noe v. Nobbli Charles Sant Fournier noe** (**2 ta' Mejju 1957 – Vol.XLI .I.298**) dan il-kuncett ta' ***prestanome*** gie deskritt hekk:

> "*Illi l-mandatarju prestanom huwa dak li apparentement jezercita drittijiet tal-proprjetarju, mentri fir-realta' mhux hlief il-mandatarju. Meta huwa, f'din il-kwalita' ta' mandatarju prestanom, jakkwista l-proprjetà tal-haga immobili, ikun hemm att pubbliku li bih tigi lilu trasferita lproprjetà tal-haga, u konvenzjoni segreta fis-sens li huwa, pretiz akkwirent, mhux hlief mandatarju. Ghar-rigward tat-terzi jibqa' l-principju illi, rispett ghal dawn, il-konvenzjonijet segreti li jidderogaw ghall-konvenzjoni palezi, ma jipproducu l-ebda effett. Imma bejn il-mandant u l-mandatarju prestanom il-konvenzjoni vera tipprevalixxi ghall-konvenzjoni apparenti, u d-drittijiet u l-obbligi talmandatarju prestanom jigu retti mil-ligi tal-mandat, u lhwejjeg minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant*".

Dan il-bran jirrigwardja sitwazzjoni prevalenti fil-kawzi li fihom gie diskuss dan il-kuncett u cioe` meta tigi akkwistata proprjetà immobbli f'isem haddiehor. F'dan il-kaz l-appellant qed isostni li huwa deher fuq il-kuntratt in kwistjoni f'isem haddiehor u kien dan il-haddiehor (il-kjamata fil-kawza) li effettivament isselfet il-flus minghand l-attrici

appellata. Jghid li deher minflok l-imsejjha fil-kawza (dak iz-zmien shab fin-negozju mieghu) minhabba li zewgha kien pulizija u allura ma xtaqitx li jkun involut f'self minghand terzi.

Din il-Qorti pero` hi tal-fehma li l-bran citat japplika wkoll ghal dan il-kaz u l-appellata zgur ma ghandhiex tbati l-konsegwenza ta' xi arrangement li seta' kien hemm bejn l-appellant u l-imsejjha fil-kawza. Ghalhekk bejn l-appellanti u l-appellata jregi l-ftehim (il-kuntratt) in kwistjoni u anke jekk dak li jghid l-appellant huwa minnu dan ma jirrigwardjax lill-istess attrici appellata.

Barra minn hekk l-appellant qed jitlob lil din il-Qorti biex tirrevedi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-allegazzjonjiet tieghu li kienet Rita Ciappara li sselfet u hadet il-flus mitluba mill-attrici. Din il-Qorti ghalhekk terga' tfakkar li ghal dak li huwa apprezzament tal-fatti, kif qalet fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel*

*Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil**, Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001; madankollu "*Din il-Qorti pero` tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*". (**Attard et v. Direttur tas Sahha, Qorti tal-Appell, 30 ta' Mejju 2014)**. Fil-kaz in ezami, din il-Qorti ma ssib xejn li jwassalha biex tvarja l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti li qalet li li ma kenitx "*moralment konvinta li l-verzjoni tieghu* (l-appellant) *hi aktar kredibbli minn taghha*" (l-appellata). L-ewwel Qorti sostniet il-konvinzjoni taghha mill-fatt li l-appellant mhux talli deher fuq il-kuntratt izda addirittura ggarantixxa l-hlas b'ipoteka specjali fuq id-dar ta' residenza tieghu u din il-Qorti taqbel ma' dan l-argument, kif taqbel ma' dak li qalet l-istess Qorti li l-appellant *kien jaf x'qieghed jaghmel*.

Anke fir-rigward tal-allegazzjoni tal-appellant (kontenuta fir-risposta guramentata tieghu izda mhux fir-rikors tal-appell) li l-kunsens tieghu gie karpit b'qerq minn Rita Ciappara, din il-Qorti taqbel mal-apprezzament

legali (vide Artikolu 981 tal-Kodici Civili) u fattwali li ghamlet l-ewwel Qorti. F'kull kaz ukoll, l-appellant kellu kull opportunità li jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt fiz-zmien moghti lilu mill-ligi (Artikolu 1222 *et sequitur* tal-Kodici Civili) u ma jistax issa jilqa' ghal din il-kawza billi jallega li huwa kien biss *prestanome* jew li l-kunsens tieghu gie karpit b'qerq (fuq kollox mhux da parti tal-attrici appellata).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma interament is-sentenza appellata kompriz il-kap tal-ispejjez – l-ispejjez tal-appell odjern kollha a kariku tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb